# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025

**Avv Nru: 318/2018**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**Neil Andrew Vella**

**vs**

**Conrad Galea eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Chanlai Auto Dealer**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż promotur imressaq fl-10 ta' Diċembru 2018[1] fejn *ad litteram*, l-Qorti ġiet mitluba tordna li l-konvenut iħallas lill-attur:

> *is-somma ta' ghaxart elef u tmien mitt Ewro (EUR 10,800), rappreżentanti prezz ta' vettura Vauxhall Insigna GBQ 924 li l-esponenti kien oriġinarjament xtara mingħand l-intimat għas-somma ta' disat elef Ewro (EUR 9000) nhar it-23 ta' Ġunju 2017 u li rriżultat difettuża tant illi nhar id-29 ta' Awwissu 2017, l-intimat reġa' ħa fil-pussess tiegħu l-vettura de quo u wiegħed ir-rifużjoni tal-ammont imħallas mill-esponenti, u kif ukoll*

[1] A fol 1 tal-proċess.

*is-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (EUR 1800) ossija l-ammont żbursat mill-esponenti f'riparazzjonijiet u parts tul iż-żmien li l-vettura għamlet għandu;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A, bin-numru 1619/2018, ippreżentata nhar l-31 ta' Awwissu 2018, bl-imgħaxxijiet legali mid-data tal-31 ta' Awwissu 2018, kontro l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni*

Rat ir-risposta tal-konvenut mressqa fit-22 ta' Frar 2018[2] fejn *ad litteram* ġie eċċepit hekk:

1. *Illi ghar-rigward tat-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas mill-attur fir-rigward tal-vettura targata GBQ 924 fl-ammont ta' disat elef ewro (€9,000):*

*1.1 Fl-ewwel lok, ma kien hemm l-ebda weghda ta' rifuzjoni tal-prezz tal-bejgh tal-vettura da parti tal-esponenti, izda kien l-istess attur li talab lil Conrad Galea sabiex ibieghlu l-vettura u ghadda l-pussess tal-istess vettura taht din il-premessa lill-istess Conrad Galea, bil-kundizzjoni Ii mal-bejgh taghha jircievi l-ammont ta' €9,000;*

*1.2 Fit-tieni lok, il-weghda ta' bejgh tal-vettura in kwistjoni ma saritx minn "Conrad Galea ezercenti l-kummerc taht l-isem Chanlai Auto Dealer" u ghalhekk l-istess Conrad Galea ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Chanlai Auto Dealer ghandu jigi liberament mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward ta' din it-talba;*

[2] A fol 7 tal-proċess.

*1.3 Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, din it-talba hija intempestiva in kwantu din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tiddeciedi dwar possibilita futura li ghad trid issehh galadarba l-bejgh tal-vettura ghadu ma sarx u fil-fatt din il-vettura ghadha tinstab fil-pussess ta' Conrad Galea;*

*1.4 Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.*

*2. Illi ghar-rigward tat-talba ghal hlas tal-ammont ta' elf u tminn mitt ewro (€1,800) allegatament sburzati mill-attur f'riparazzjonijiet u parts tul iz-zmien li l-vettura ghamlet ghandu:*

*2.1 Fl-ewwel lok, in kwantu l-attur qed jibbaza din it-talba fuq il-fatt li l-vettura rrizultat difettuza, it-talba ghal rimbors ta' ammont sburzat bhala riparazzjonijiet u parts hija improponibbli ghaliex mhijiex rimedju previst fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-ilment ikun li l-oggett mibjugh huwa afflitt minn difett;*

*2.2 Fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz, it-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2.3 Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz ghandu jigi pruvat in kwantu kontestat.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

Rat l-affidavit ta' Neil Andrew Vella imressaq fid-29 ta' April 2019[3].

[3] Nota relattiva tinsab a fol 14 tal-proċess.

Rat id-dokument imressaq minn Karen Cremona, rappreżentant ta' Transport Malta waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2020[4].

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020[5] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Godwin Borg u ġie mressaq affidavit ta' Brenda Cortis.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2021[6] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Brian Formosa, Carmel Grech u Michael Vella.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022[7] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Carmel Azzopardi, Brian Farrugia u Louis Buhagiar.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022[8] meta ġie mibdi l-kontro-eżami tal-attur.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022[9] fejn tkompla l-kontro-eżami tal-attur.

---

[4] Dan jinsab a fol 50 tal-proċess. Ix-xhieda ta' din ix-xhud, kif sejjer jirriżulta aktar tard, ma kinitx ġiet debitament reġistrata u traskritta.
[5] A fol 62 tal-proċess.
[6] Verbal relattiv jinsab a fol 122 tal-proċess.
[7] A fol 148 tal-proċess.
[8] Verbal a fol 164 tal-proċess.
[9] Verbal a fol 189 tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023[10] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Brenda Cortis u ġie mressaq affidavit tal-konvenut Conrad Galea.

Rat l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023[11] tal-Onor. Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia ġew assenjati lil din il-Qorti kif issa preseduta.

Rat l-affidavit ta' David Shaun Galea, imressaq fl-20 ta' Ottubru 2023[12].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-14 ta' Frar 2024[13] meta nstema' l-kontro-eżami ta' Conrad Galea.

Rad dak li seħħ fis-seduta tal-24 ta' April 2024[14] fejn finalment seħħ il-kontro-eżami ta' David Shaun Galea.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, imressqa fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2024[15].

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Lulju 2024[16] fejn infurmat lill-partijiet li x-xhieda ta' Karen Cremona, imsemmija iktar qabel, kienet baqgħet ma nstabitx u ordnat li rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jittella jixhed a spejjeż tar-Reġistratur tal-Qorti.

---

[10] Verbal jinsab a fol 226 tal-proċess.
[11] A fol 235a tal-proċess.
[12] A fol 239 tal-proċess.
[13] Verbal a fol 262 tal-proċess.
[14] Verbal a fol 289 tal-proċess.
[15] Din tibda a fol 301 tal-proċess.
[16] Verbal relattiv jinsab a fol 307 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' Karen Cremona, rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2024.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut, imressqa fl-24 ta' Settembru 2024[17].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2024, fejn seħħet it-trattazzjoni finali[18].

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Jannar 2025[19] fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel xejn il-Qorti tqis li għandha tibda billi tagħmel rijepilogu qasir tax-xhieda u provi li jsawru dan il-każ (safejn dawn kienu rilevanti), anke għaliex l-istess, fil-maġġoranza tagħha, ma ġietx mismugħa minn din il-Qorti direttament.

**Provi**

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur **Neil Andrew Vella.** Fl-affidavit tiegħu[20] jipsjega li fis-sena 2017 kien imħajjar jixtri vettura wara li kien ġie mitkellem minn persuna li kienet taħdem miegħu. Dan qallu li huwa kien partat vettura ma Opel Vauxhall Insignia li kienet għand Chanlai Autodealer. L-attur kien tħajjar u mar għan Conrad Galea (li jmexxi l-*autodealer*). Il-karozza għoġbitu u kien

[17] A fol 320 *et seq* tal-proċess.
[18] Debitament reġistrata u traskritta kif ordnat. Din tibda a fol 336 tal-proċess.
[19] A fol 340 tal-proċess.
[20] Dan jibda a fol 15 tal-proċess.

hemm ftiehem fuq il-prezz ta' disat elef Ewro (€9,000). Qabel xtara l-vettur kien ppruvaha u kollox kien jidher sew. Dakinhar, it-23 ta' Ġunju 2017, mar applika għat-trasferiment sabiex din tinqaleb u għamel ukoll polza ta' assigurazzjoni. Kien ħadha għand *mechanic* u dan dar il-vettura, u kien hemm xi affarijiet żgħar li kien jeħtieġ li jinbidlu. Dawn swew ħames mitt Ewro (€500). Dakinhar sab ukoll li kien hemm daqqa f'*rim* minnhom u mar għand il-konvenut. Wara xi żmien beda jinduna li l-vettura kienet qiegħda tindika li għandha xi problemi, b'diversi aspetti bħal l-arja kundizzjonata. Mar għand il-konvenut u dan qallu biex isewwi u li kien sejjer jirranġa miegħu. Din swiet ħames mija u ħamsin Ewro (€550). Maż-żmien inqalgħu diversi problemi oħra u kellhom isiru riparazzjonijiet oħra. F'Awwissu tas-sena 2017 ingħata lista twila ta' tiswijiet li kien hemm meħtieġa li kien jammontaw għal wisq. Fid-29 ta' Awwissu 2017 huwa mar għand il-konvenut li aċċetta li jieħu lura l-vettura u saret skrittura li meta l-konvenut ibiegħ il-vettura kien iħallas lura lill-attur. Fl-20 ta' Ottubru 2017, il-vettura inqalbet fuq il-konvenut. Beda jgħaddi ż-żmien u ma sema' xejn aktar, u saħansitra ħejja rapport mal-Pulizija. Mument minnhom kien irċieva ittra legali fejn il-konvenut qallu li ma kellux iħallsu. Għalhekk infetħu dawn il-proċeduri.

Illi l-attur **Neil Andrew Vella** tressaq jixhed darbtejn għal kontro-eżami. Fl-ewwel okkażjoni[21] jispjega li kien ilu sentejn imħajjar għall-vettura ta' din it-tip. Jerġa' jgħid li kien hemm xi ħaddiem ħabib tiegħu tax-xogħol li kien qallu b'din il-vettura, wara li kien ra ritratt. Ma kienx jaf kemm kienet ilha barra. Kien mar is-*showroom* kien mar isuqha ftit l-ewwel u hemmhekk ma tatux problemi kbar salv li kien hemm bozza tixgħel (*warning light*). Ma ħax mekkanik biex jarah qabel ma xtraha. Beda jużaha normali. Dwar il-kwistjoni tal-arja kundizzjonata jgħid li din inqalgħet wara ftit ġranet, iżda ma jiftakarx min għamel ix-xogħol.

[21] Xhieda relattiva tibda a fol 165 tal-proċess.

Dwar il-ħsejjes (il-karozza kienet baxxa u kienet taħbat mal-art f'xi ċirkostanzi), jgħid li dawn ma kienux daqshekk gravi meta pprova l-vettura l-ewwel darba u gravaw maż-żmien. Dwar id-daqqa fuq ir-rim jgħid li ma kienx induna biha mal-ewwel, għad li kien dahar magħha. Fit-tieni okkazzjoni[22] wara ħafna dilungar fit-tweġibiet[23] jgħid li r-roti kellhom ħtieġa li jinbidlu. Jerġa jtenni li ra d-daqqa fuq ir-rim wara li kien xtraha. Dwar id-daqqa fuq quddiem jgħid li David (il-ħabib ħaddiem miegħu) ma kienx qallu biha. Ma kienx talab biex jara l-*history* tal-vettura. Dwar id-dokument li kien iffirma ma' Conrad jikkonferma l-kontenut tagħha. Iffirma l-karta biex juri li għandu x'jingħata. Ma jidhirlux li l-vettura inbiegħet. Is-somma tirrappreżenta dak li kien ħallas hu. In ri-eżami fl-istess seduta[24] jerġa jtenni dwar il-kwistjoni tal-*mechanic* tal-Opel. Ix-xhieda ulterjuri (anke fit-tielet kontro-eżami) kien irrelevanti.

Illi xehdet ukoll **Brenda Cortis.** Fl-affidavit tagħha[25] tgħid li hija s-sieħba tal-attur u bażikament tagħti rendikont tad-difetti li nstabu fil-vettura. Tgħid li wara li l-vettura kien ħadha l-konvenut, l-attur baqa' jistenna ġimgħa wara ġimgħa sabiex jirċievi l-flus, iżda baqa' ma rċieva xejn. L-istess **Brenda Cortis,** tgħid li ma kinitx involuta fl-akkwist u ħa ħsieb kollox l-attur. Ir-ritorn tal-vettura wkoll saret mill-attur mingħajr l-involviment tagħha. Tagħti dettalji dwar id-drabi li l-karozza ma ħadmitx. Wara li din ġiet ritornata, l-attur u l-konvenut qatt ma ftehmu iktar.

Illi xehed ukoll **Godwin Borg,** rappreżentant tal-assigurazzjoni Middle Sea. In eżami[26] jgħaddi sabiex iressaq dokumentazzjoni rigwardanti *claims* magħmula mill-attur, assigurat tagħha.

---

[22] Xhieda relattiva tibda a fol 191 tal-proċess.
[23] Anke frott t'interruzzjonijiet bil-mistoqsijiet.
[24] Dan jibda a fol 212 tal-proċess.
[25] A fol 65 tal-proċess.
[26] Xhieda relattiva tibda a fol 66 tal-proċess.

Illi xehed ukoll **Brian Formosa.** In eżami[27] jikkonferma li l-attur kien ħallas għax-xogħol magħmul fuq *rim*. Fil-kontro-eżami mwettaq fl-istess seduta, jgħid lix-xogħol kien għamlu missieru u ma jiftakarx eżattament x'tip ta' xogħol kien sar.

Illi xehed **Carmel Grech**. Prodott mill-attur[28] jagħti rendikont tax-xogħol li twettaq mis-soċjetà tiegħu (fuq il-vettura) u jikkonferma li l-ħlas kien sar. Fil-kontro-eżami mwettaq fl-istess seduta, jgħid li l-attur kien ġab ir-*rim* biss u mhux il-vettura wkoll.

Illi xehed ukoll **Michael Vella.** Prodott mill-attur[29] ukoll jgħaddi sabiex jikkonferma li kienet inħarġet stima lill-attur u jgħid li din kienet imħallsa. Fil-kontro-eżami mwettaq fl-istess seduta, jgħid li l-*parts* kien xtrahom l-attur fuq rikjesta tiegħu. Ma jistax jikkonferma kienx għamel spezzjoni hu.

Illi xehed ukoll **Carmel Mangion.** Prodott mill-attur[30] jikkonferma li kien tħallas (xogħol fuq żewġ roti) iżda ma jiftakarx eżattament in-natura tax-xogħol.

Illi xehed ukoll **Brian Farrugia, rappreżentant ta' Transport Malta.** Prodott mill-attur[31] jgħid li l-vettura in kwistjoni kienet ġiet reġistrata fuq Chanlai Auto Dealer fl-20 ta' Ottubru 2017 u jidher għaliha ċertu Freddie Mansueto. L-*Auto Dealer* għandu liċenzja mal-awtorita', u l-applikazzjoni kienet ġiet iffirmata mill-konvenut u Mansueto. Fil-kontro-eżami (fl-istess seduta) jikkonferma li l-

[27] A fol 128 tal-proċess.
[28] Xhieda tibda a fol 129 tal-proċess.
[29] Xhieda tibda a fol 133 tal-proċess.
[30] A fol 149 tal-proċess.
[31] Xhieda tibda a fol 150 tal-proċess.

konvenut jidher fuq l-applikazzjoni u li meta l-vettura ġiet reġistrata f'Ottubru 2017 ġiet reġistrata sabiex terġa tinbiegħ.

Illi xehed ukoll **Louis Buhagiar,** rappreżentant ta' Job's Plus. Imressaq mill-attur[32] jgħaddi sabiex iressaq l-istorja t'impjiegi tal-konvenut.

Illi xehed ukoll il-konvenut **Conrad Galea.** Fl-affidavit tiegħu[33] jgħid li hu kien biegħ il-vettura lill-attur fil-25 ta' Ġunju 2017 għall-prezz ta' disat elef Ewro (€9,000). Il-vettura kienet fis-*showroom* ta' Chanlai Auto Dealer u l-attur kien jaf li kienet *second hand.* L-attur mar dawra bi prova darba jew darbtejn u skont hu kienet ħadmet sew mingħajr ebda problemi. Hu uża karta minn ta' Alfred Mansueto ta' Chanlai Auto Dealer għaliex dak iż-żmien kien jgħin hemmhekk. Jgħid li pero la Chanlai Auto Dealer u lanqas Alfred Mansueto m'għandhom x'jaqsmu ma' dan il-bejgħ. Xi żmien wara, l-attur qallu bil-problema tal-arja kundizzjonata u biex ma jinqalgħux problemi, qallu li l-flus li kellu jirċievi fir-rigward tal-liċenzja, trasferiment u VRT setgħa jżommhom l-attur. Minn dakinhar l-attur qallu kemm il-darba bi problemi varji. F'Awwissu 2018 l-attur qallu li xtaq ibiegħ il-vettura u hu kien offrielu li jagħmel hekk. Ġiet iffirmata skrittura fejn ġie miftiehem li malli jsib il-bejgħ, jirrifondi l-flus lura. Kien sab il-bejgħ bil-prezz ta' ħamest elef Ewro (€5,000) u l-bqija bin-nifs iżda l-attur m'aċċettax. Dan kien ftit xhur wara r-ritorn tal-vettura. Minn dak iż-żmien ma sabx il-bejgħ u l-valur qiegħed dejjem jinżel. Jgħid li hu sab il-bejgħ iżda ma setax jikkonkludi ħabba nuqqas tal-attur. Mansueto ħallieh idawwar il-vettura fuq Chanlai Auto Dealer.

[32] A fol 158 tal-proċess.
[33] Dan jibda a fol 228 tal-proċess.

Illi l-istess **konvenut** iddepona wkoll in kontro-eżami[34]. Hawnhekk, jgħid li meta hu kien akkwista l-vettura minn David Galea, ma qagħadx isaqsi dwar id-daqqiet fuqha. Ma sabx problemi biha. Jgħid li huwa issa[35] *partner* ta' Chanlai AutoDealer, iżda dak iż-żmien ma kienx involut. Kien sempliċement jitħalla jbiegħ vetturi mis-*showroom* tiegħu, iżda profitti ma kienux jinqasmu. Minn dejjem kien jgħin lil Alfred Mansueto. Jikkonferma li ġie infurmat mill-attur dwar ħsarat, tant li ħallas ammont minnhom. Hu ma kienx avviċina lil David, kellmu biss meta nfetħu dawn il-proċeduri, sabiex jixhed. Dwar l-offerta li rċieva minn terz dwar ħamest elef Ewro, jinsisti li kien informa lill-attur iżda dan m'aċċettax. Il-vettura għadha għandu. Fi kliemu, dwar l-isforzi li għamel biex ibiegħ il-vettura jgħid "bħalma nagħmel normali hu. Titfagħha fis-*showroom* u jiġi xi ħadd u jixtriha". Ma jafx jixhed dwar reklami għall-bejgħ tagħha. Jgħid li hu kien informa lill-attur bil-bejgħ għaliex ma kienx lest joħroġ flus hu. Il-karozza llum mitluqa f'rokna.

Illi xehed ukoll **David Shaun Galea.** Fl-affidavit tiegħu[36], sa fejn dan kien relevanti, jgħid li l-vettura kienet ġiet akkwistata minnu bi tpartit mal-konvenut f'Mejju 2017 u kienet f'kundizzjoni tajba. Jgħid li lill-attur kien infurmah li xi sitt xhur qabel kien kellu inċident bil-vettura u wrieh ritratti tal-vettura u d-danni.

Illi l-istess **David Shaun Galea** ġie mressaq ukoll għal kontro-eżami[37]. Jitlaq billi jgħid li lill-konvenut u ma semmielhu qatt dwar il-ħabta preċedenti. Ma jidhirlux li qatt ra l-vettura iktar fit-triq, salv għal ħdejn is-*showroom*. L-attur kien ċempillu u qallu li kien hemm ħafna problemi biha, iżda ma jiftakarx id-dettalji. F'ri-eżami[38] jgħid li l-attur kien ra l-vettura qabel ma mar għand l-konvenut.

---

[34] Dan jibda a fol 263 tal-proċess.
[35] Din ix-xhieda ingħatat fl-14 ta' Frar 2024.
[36] A fol 240 tal-proċess.
[37] Dan jibda a fol 290 tal-proċess.
[38] Dan jibda a fol 296 tal-proċess.

Illi xehdet ukoll **Karen Cremona**[39]**,** rappreżentant tal-Awtorità tat-Trasport. U tgħaddi sabiex tikkonferma d-dokumenti minnha mressqa. Dwar id-differenza bejn reġistrazzjoni fuq *autodealer* tgħid li dan ifisser li jkun for *resale purposes* u li għandu permess sabiex vetturi jinstaqu bi prova. Alfred Mansueto huwa l-persuna ta' kuntatt mal-Awtorità iżda dan ma jfissirx li *d-dealership* tkun reġistrata fuq dik il-persuna.

Illi magħmul dan ir-riassunt, imiss li dawn il-fatti jiġu eżaminati skond il-prinċipji legali relattivi.

**<u>L-Eċċezzjoni indikata bħala 1.2 – Leġittimu Kuntradittur</u>**

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni, fir-rigward ta' dik il-parti tat-talba fejn l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' disat elef Ewro (€9,000), il-konvenut jgħid li l-iskrittura konċernanti l-wegħda ta' bejgħ saret minn Conrad Galea biss. Din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba.

Illi apparti l-fatt li din il-Qorti ma tara xejn stramb li l-attur fetaħ il-kawża kontra l-konvenut bid-deskrizzjoni hemm indikata, meta wieħed jagħsar l-*iter* kollu tal-fatti hawn riprodott, fil-veritá anke kieku fl-okkju tal-kawża tneħħew il-kliem "eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Chanlai Auto Dealer" ma kien jinbidel assolutament xejn. Fis-sewwa, Conrad Galea qiegħed jiġi ndikat personalment, għaliex id-ditta l-oħra imsemmija m'hijiex xi soċjetà li tgawdi personalità

[39] Inizjalment din kienet xehdet fil-11 ta' Frar 2020 quddiem din il-Qorti kif hemm preseduta, iżda x-xhieda tagħha ma ġietx debitament reġistrata u traskritta. Għalhekk, fuq ordni tal-Qorti kif issa preseduta tat-12 ta' Lulju 2024, l-istess ġiet ordnata terġa tittella a spejjeż tar-Reġistratur.

ġuridika distinta u separata[40]. Fi kliem ieħor, lil' hemm mill-utilizzar ta' dawn il-kliem, f'każ li l-Qorti ssib li l-attur għandu raġun f'din il-parti tat-talba tiegħu (u anke fil-parti l-oħra rigwardanti riparazzjonijiet), l-eżekuzzjoni issir kontra Conrad Galea biss.

Illi b'hekk jiġi li ma hemm xejn ħażin bl-għażla tal-leġittimu kuntradittur magħmula mill-attur. Jingħad li jekk, skond dak li sejjer jiġi deċiż, tinqala' kwistjoni bejn il-konvenut u Alfred Mansueto (imdaħħal ukoll fid-ditta), allura dik hija kwistjoni lil' hemm mill-interess (f'sens ġuridiku) tal-attur.

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi mwarrbha.

**Natura tal-azzjoni**

Illi l-Qorti tistqarr li kellha tieħu l-ħin tagħha sabiex tindividwa n-natura vera tal-azzjoni mressqa mill-attur. Dan seħħ għaliex jidher li l-attur ressaq żewġ pretensjonijiet f'azzjoni waħda, għad li possibbilment u inizjalment kienu emerġenti minn rapport wieħed. Fil-verita' hija din l-investigazzjoni li l-aktar li ħadet il-ħin u jkun utli li din tiġi mistħarrġa issa, għaliex il-falliment jew

[40] Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Tabone *noe* vs Charles Grech *et,*** (Ċit Nur: 286/1991/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Diċembru 2004 (mhux appellata) fejn ingħad hekk: *"Ditta ma hijiex ħlief l-isem li bih negozjant imexxi n-negozju tiegħu; ma hijiex persuna legali u l-personalità wara d-ditta tibqa' dejjem dik tan-negozjant stess: La ditta è il nome con cui il negoziante esercita il commercio. Senza un commerciante non è concepibile una ditta, come non è concepibile un cittadino senza un nome. La ditta esiste perchè esiste il commerciante, e non ha alcuna esistenza fuori di lui. Chi le attribuisce una personalità giuridica propria e distinta, chi considera il commerciante come il rappresentante della medesima, dice una cosa che non ha senso nè pel diritto, nè per la pratica commerciale. È lui, il commerciante, il solo padrone della ditta, il soggetto dei diritti che si esercitano coll'uso della medesima: in lui, nella sua rettitudine, nella sua solvibilità si affidano i terzi; la ditta non è che un contrassegno per distinguerlo dagli altri commercianti."*

akkoljiment kemm ta' partijiet mit-talba u l-eċċezzjonijiet rilevanti jeħtieġu li l-ewwel iseħħ dan l-eżami.

Illi l-Qorti titlaq billi tgħid li hija konxja li rinunzja ta' dritt, jekk din tkun waħda taċita', għandha tirriżulta minn provi b'saħħithom u deżumibbli minn espressjonijiet ċari[41]. Huwa aċċettat ukoll li l-eżami konċernanti xi rinunzja ta' dritt għandu jsir b'mod ristrett u mhux imġebbed[42]. Fil-każ tagħna, l-Qorti ssib li din ir-rinunzja seħħet b'mod espress bil-finalizzazzjoni tal-iskrittura tad-19 ta' Awwissu 2017. F'dak il-mument, l-attur, flok sempliċiment irritorna l-vettura u eżiġa l-ħlas immedjat, għażel li jidħol f'arranġament sabiex jagħti lid-debitur konvenut ċans sabiex isib bejgħ mill-ġdid u l-ħlas isir wara. F'moħħ il-Qorti l-għażla tal-attur hija nkonċiljabbli maż-żamma tad-dritt t'azzjoni sabiex jiġi rexiss il-bejgħ inizjali[43].

Illi fil-fehma tal-Qorti, meta wieħed jara sew l-iskrittura ta' bejn il-partijiet u dak li wassal għat-tfassil tagħha, issib li l-bejgħ inizjali magħmul fit-23 ta' Ġunju 2017 ġie rexiss bejn il-partijiet. L-intendiment f'dik l-iskrittura kienet li l-vettura tmur lura fil-pussess tal-konvenut sabiex dan imbagħad isib il-bejgħ tagħha. Jiġi b'hekk, li fil-ħin li l-attur, volontarjament mar lura bil-vettura u wasal għal dan l-arranġament (li għad irid jiġi diskuss hawn isfel) irrinunzja għall-jedd tiegħu sabiex jintavola *l-actio redhibitorja*. Minn flok, għażel li jsib mezz ieħor sabiex jiġi rifuż il-prezz. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-obbligu assunt mill-konvenut

---

[41] Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mary Ciantar vs Ladislao Giuseppe Micolucci *et*,** (Rik Nru: 670/2007) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' April 2010 (mhux appellata).
[42] Fost oħrajn, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Attard vs Giovanni Attard,** (App Ċiv Nru: 223/1999/2) mogħtija mill-Qorti tal-Apell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Ottubru 2014.
[43] Ara fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet **Gemma Fenech vs John Bugeja,** (App Ċiv Nru: 53/2010) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Ottubru 2003.

f'dik l-iskrittura m'għandhiex tinqara bħala waħda aġġunta għall-obbligi tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' bejgħ, għaliex f'dak il-mument il-bejgħ ġie rexiss. Ġaladarba qiegħed jiġi deċiż hekk, ma jistax jingħad li l-azzjoni tal-attur hija dik emerġenti minn dawk miftuħa għax-xerrej taħt il-liġi tal-bejgħ, proprju għaliex fil-ħin li tressqet il-kawża, ma kienx hemm aktar bejgħ.

Illi din il-Qorti għalhekk issib li l-azzjoni tal-attur hija kollha msejsa fuq l-iskrittura datata l-20 ta' Awwissu 2017 u mhux aktar fuq il-bejgħ inizjali. Deċiż hekk, huwa ċar li l-azzjoni tal-attur fir-rigward tal-ispejjeż minnu magħmula (fejn jitlob ħlas ta' elf u tminn mitt Ewro (€1,800) ma tistax tintlaqa' għaliex dan id-dritt huwa ma żammux ħaj fl-istess skrittura. L-iskrittura hija dik li hi, u li kieku l-attur ried jinkorpora f'dak il-ftehim il-kwistjoni tar-riparazzjonijiet, kellu jara li dak l-ammont jitniżżel ukoll f'dak il-patt. Għalhekk l-argumenti (u l-provi) miġjuba mil-partijiet rigwardanti d-difetti fil-vettura, ma jiċċentraw xejn.

**<u>Eċċezzjoni 2.1 – Preskrizzjoni</u>**

Illi dak li ntqal hawn fuq konċernanti l-bażi tal-azzjoni tolqot direttament din l-eċċezzjoni, u allura isib applikazzjoni hawnhekk ukoll. Huwa aċċettat li l-għażla tal-preskrizzjoni mill-konvenut trid tgħodd għall-għamla tal-azzjoni proposta mill-attur, għażla din li qiegħda f'idejn l-attur biss. Għalhekk il-kejl irid isir fuq l-azzjoni kif promossa u mhux fuq xi kawżali li l-konvenut jaħseb kellha tkun il-bażi tal-azzjoni[44]. Huwa propju għalhekk li ġudikant għandu jara l-ewwel jekk l-

[44] Fost diversi, jiġi senjalat dak li ġie raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Falzon Service Station Limited *et pro et noe* vs Korporazzjoni Enemalta *et*</u>**, (Rik App Nru: 533/2004/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2020 meta ngħad hekk: *"Hekk ukoll tajjeb jinghad li l-ligi taghti ghazla lil kull min jiftah kawza kif ifassal l-azzjoni mressqa minnu u hija fuq din l-ghazla li jiddependi lezitu tal-istess azzjoni. Dan ifisser li jekk l-attur jaghzel li jressaq ilpretensjonijiet tieghu kontra parti fuq kawzali partikolari, l-eccezzjoni li*

artikolu tal-preskrizzjoni jkunx jgħodd għall-azzjoni mressqa qabel ma jistħarreġ il-provi dwar jekk it-terminu jkun għadda jew b'xi mod ieħor ġie sospiż jew rinunzjat[45]. F'każ li dan ma jkunx applikabbli għall-azzjoni mressqa, allura eżami ulterjuri tal-provi jkun wieħed inutili[46].

Illi strettament, ġie aċċettat li l-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu iktar l-għamla ta' terminu ta' dekadenza milli ta' preskrizzjoni[47]. Madanakollu, il-prinċipji hawn fuq imfakkra jsibu applikazzjoni bi sħiħ hawnhekk[48].

Illi stabbilit li l-azzjoni tal-attur hija biss dik emerġenti mill-iskrittura tad-29 ta' Awwissu 2017, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

**Mertu rimanenti**

---

*titressaq bhala parti mid-difiza kontra l-azzjoni maghmula kontriha, trid titkejjel fuq dik il-kawzali u mhux fuq xi haga ohra. Kwindi dak li jrid jigi mistharreg f'din il-kawza huwa jekk in-nuqqas li dwaru l-atturi jilmentaw fil-konfront tal-konvenuti appellati huwiex wiehed marbut mal-kuntratt, kif isostnu l-appellanti jew mod iehor."*

[45] F'dan is-sens issir għas-sentenza fl-ismijiet **Phyllis Farrugia vs Attard Services Limited,** (App Nru: 634/2012/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn ingħad hekk: *"Il-Qorti għalhekk trid li l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun ġie eċċepit ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi."*

[46] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Western Company Limited vs Salvu Pisani *et*,** (Rik App Nru: 718/2022/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Novembru 2023 fejn ġie mfakkar hekk: *".....f'każ li ż-żmien preskrittiv invokat ma jkunx jgħodd għall-għamla ta' kawża li tkun, allura jkun ta' xejn li l-Qorti toqgħod tqis il-provi.*

[47] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Gordon Baldacchino *noe* vs Carmela Baldacchino *noe et*,** (App Ċiv Nru: 1189/1983/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2022.

[48] Fost oħrajn, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul William Waltzing *et* vs Joseph Edmond Mejlaq *et*,** (Rik Maħluf Nru: 725/2015) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Jannar 2024 (appell minn din is-sentenza ġie dikjarat deżert fis-7 ta' Novembru 2024).

Illi skond il-liġi[49] meta jkun hemm fis-seħħ obbligazzjoni bi klważola sospensiva, allura sakemm tavvera ruħha dik il-klawżola wieħed ma jistax jitkellem dwar kreditur u debitur attwali. Fi kliem ieħor, sakemm isseħħ il-ġrajja li tkun il-mertu tal-kundizzjoni, l-obbligazzjoni ma teżistix[50]. Fil-fehma tal-Qorti, l-iskrittura mertu tal-każ tikkontjeni proprju din it-tip ta' klawżola.

Illi l-partijiet ftehmu li għad li l-konvenut iddikjara li għandu jagħti s-somma ta' disat elef Ewro (€9,000), il-ħlas jiġi affettwat biss malli jinsab il-bejgħ tal-vettura. Allura, sakemm dak il-bejgħ jinstab, l-obbligazzjoni tal-ħlas ma teżistix. Sfiq ma' dan ukoll, ma jirriżultax li l-partijiet ftehmu xi żmien sabiex titwettaq din l-obbligazzjoni. Issa, mill-Avviż promotur (għad li din il-Qorti hija konxja tal-artikolu 213 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jirriżultax li l-attur talab jew ipproċeda skond dak li jrid l-artikolu 1059(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk it-talba ma tridx li l-Qorti tagħti żmien sabiex isseħħ l-obbligazzjoni.

Illi b'dawn il-prinċipji f'moħħ il-Qorti peró, il-Qorti ssib li din il-kundizzjoni avverat ruħha u dan jgħidu aktar minn darba il-konvenut stess[51].

Illi fix-xhieda tiegħu il-konvenut jammetti li fil-fatt kien sab il-bejgħ tal-vettura għall-prezz ta' ħamest elef Ewro (€5,000) f'salt u l-bqija tal-pagamenti (it-total

---

[49] Artikolu 1063 ta-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[50] Artikolu 1063(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[51] Il-Qorti hawnhekk m'hijiex qiegħda taqbel mal-attur li l-fatt tar-reġistrazzjoni f'Ottubru tas-sena 2017 tfisser li sar il-bejgħ. Dak it-trasferiment hija turija li però l-bejgħ inizjali kien ġie rexiss iżda ma jfissirx li seħħet il-kundizzjoni msemmija fl-iskrittura.

qatt ma jissemma) kienu sejrin jitħallsu bin-nifs. Skond hu peró, kien l-attur li ma qabilx ma' din il-proposta.

Illi b'rispett, l-iskrittura imkien ma tgħid li l-attur kellu jkun hu li japprova l-bejgħ. L-obbligu kien biss fuq il-konvenut, bħala debitur, mingħajr il-ħtieġa tal-approvazzjoni tal-attur. Dak li għamel il-konvenut kien pass unilaterali mhux bżonnjuż (żejjed) li ma x'xejjinx il-fatt però li l-kundizzjoni seħħet. Bl-istess mod, l-iskrittura imkien ma trid u tgħid li l-bejgħ għandu jkun fl-ammont ta' disat elef Ewro. Il-konvenut kien ħieles li jsib il-bejgħ f'liema ammont ried, basta li mbagħad iħallas l-ammont dovut lill-attur. Imma l-attur ma jidħol imkien f'dik il-parti tal-obbligazzjoni. Bi kliemu stess pero', il-konvenut jammetti li sab il-bejgħ u allura kien obbligat li jaċċetta l-offerta u jħallas. Bl-istess mod kif intqal iktar qabel dwar il-fatt li l-attur ma żammx il-jedd tal-ispejjeż għar-riparazzjonijiet, l-istess jingħad li l-konvenut imkien ma indika li l-bejgħ kellu jsir bil-fors għall-istess ammont imħallas inizjalment mill-attur.

Illi naturalment, iktar ma dam il-konvenut, iktar kibret il-possibilità li jitlef il-flus min-negozju inizjali, imma dik hija kwistjoni li kellu jara qabel ma daħal f'dan l-arranġament.

Illi *ex abbundantia* mbagħad, għal din il-Qorti hemm element ieħor t'importanza. Kif diġà ingħad, ma ġiex iffissat żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Skond l-artikolu 1060(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-fehma tal-Qorti, il-kelma "jimpedixxi" f'dan l-artikolu m'għandhiex tingħata tifsira dejqa, fis-sens li dan l-artikolu jiskatta biss meta d-debitur ikun waqqaf li titwettaq kundizzjoni b'xi att pożittiv biss. Għal din il-Qorti, jekk debitur, minħabba

traskurġani, nuqqas ta' ħeġġa u negliġenza[52], iwaqqaf (jew lanqas biss jagħti bidu) sabiex isseħħ kundizzjoni sospensiva, allura dan l-artikolu jsib applikazzjoni wkoll[53].

Illi għal din il-Qorti, ħareġ ċar li l-konvenut, li jemerġi huwa midħla sew ta' dan is-settur, kien karenti u ma ħabbrikx sabiex isib il-bejgħ. Aktar kien kuntent li l-vettura tinżamm f'rokna sabiex jevita l-ħlas. Mod ieħor ikun jirriżulta f'sitwazzjoni assurda fejn il-konvenut iżomm vettura li x'aktarx issa, minħabba

---

[52] L-awturi Baudry-Lacantineri u Barde, fl-opra tagħhom **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** jgħidu hekk " *"Dall'art.1178 risulta, che, per poter invocare la sua disposizione, lo stipulante deve provare che il promittente ha,* ***per sua colpa o negligenza****, impedito l'adempimento della condizione. Questa è la sola prova che il legislatore gli impone. Lo stipulante non sarebbe dunque tenuto a dimostrare, che la condizione si sarebbe verificata, se il promittente non avesse impedito il suo verificarsi."* – CASA EDITRICE DOTTOR FRANCESCO VALLARDI, Delle Obbligazioni, Vol II, para 807, a fol 36. Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijie **Marica Cutajar vs Turnkey Creative Limited,** (875/2016) mogħtija mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Diċembru 2023 (mhux appellata).

[53] B'referenza għall-artikolu 1060 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Victor Bonavia *et* vs Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali,** (Rik Maħluf Nru: 599/2010) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Diċembru 2024 (pendenti l-appell) fejn ingħad hekk: *"Kif diġà ssemma, il-Qorti ma tistax ħlief tqis li l-kondizzjoni tal-permessi ma seħħitx bi ħtija tal-Ministeru konvenut u tad-delegati tiegħu fil-proċess tal-applikazzjoni. Nuqqasijiet li pruvaw jiġu attribwiti lill-Awtorità tal-Ippjanar. Ma jistax jiġi miċħud li kien hemm xi nuqqasijiet fil-komunikazzjoni bejn fergħat differenti tal-istess Awtorità. Madanakollu l-provi juru li n-nuqqasijiet prinċipali kienu ġejjin min-naħa tal-applikant fil-proċess tal-ippjanar, li naqas milli jipprovdi tagħrif mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll minħabba bidliet fil-pjanti sottomessi li ħolqu n-neċessità ta' pubblikazzjoni mill-ġdid għal aktar minn darba. Ix-xhieda mressqa mill-Ministeru konvenut jgħidu li l-ħtiġiet mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar ma kienux tassew neċessarji u kienu superfluwi, u fl-istess waqt jgħidu li dawn kienu provduti żmien qabel. Intqal ukoll illi xi tagħrif mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar kien superfluwu għaliex ix-xogħol kien sar diġà. Bħallikieku l-fatt li x'xogħol li għalih qed jintalab permess sar qabel ma kellu jsir ifisser li min japplika għall-permess jeżenta ruħu mill-ħtiġiet għal dak il-permess. Dan apparti l-fatt li lirdim li sar bla permess sar bi ħtija tal-Ministeru konvenut stess, u għalhekk huwa għandu jwieġeb għall-konsegwenzi kollha . Ir-raġunijiet miġjuba mill-Ministeru konvenut ma jeżentahx mill-ħtija tad-dewmien la darba l-atti juru li minkejja diversi laqgħat, kien hemm dewmien inġustifikat min-naħa tal-applikant sabiex jottempora ruħu ma' dak rikjest minnu mill-Awtorità tal-Ippjanar, u li dwaru l-istess applikant kien obbligat li jottempora ruħu, anki jekk ma jaqbilx ma' dak li kien qed jintalab minnu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-applikazzjoni tal-atturi dwar il-ġiebja ma kellhiex effett la determinanti u lanqas sostanzjali fuq id-dewmien li laqat l-ipproċessar tal-applikazzjoni li għaliha kien responsabbli l-Ministeru konvenut."*

t-trapass taż-żmien, m'huwiex sejjer isib il-bejgħ tagħha bil-valur tal-bejgħ inizjali mal-attur, u jibqa' jaħseb li m'għandu jħallas qatt u xejn lura. Dan emerġa ċar mill-kontro-eżami mwettaq lilu[54], minn fejn irriżulta li f'moħħ il-konvenut huwa jsta jibqa jistenna sakemm xi darba (issa b'mod kważi impossibbli) iseħħ il-bejgħ eżatt bl-istess ammont sabiex ma joħroġ xejn minn butu. Din però hija pożizzjoni żbaljata għaliex l-iskrittura ma tridx hekk.

Illi għalhekk, sa fejn it-talba tal-attur tikkonċerna l-ħlas ta' disat elef Ewro, il-Qorti ssib li din hija mistħoqqa u qiegħda tiġi akkolta.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza bil-mod segwenti:

1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut[55].
2) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut indikata bħala 2.2 iżda tilqa' l-eċċezzjonijiet indikati bħala 2.1, 2.3 u 2.4.
3) Tilqa' limitatament it-talba tal-attur u b'hekk tordna li l-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' disat elef Ewro (€9,000) bl-imgħax legali mis-7 ta' Settembru 2018[56] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 1619/2018 imsemmija fl-Avviż promotur jitħallsu mill-konvenut, fil-waqt li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu in kwantu għal ¼ mill-attur u ¾ mill-konvenut.

---

[54] Kif jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi**: *"L'interrogatorio formale ha la finalitá di provocare la confessione e cioé una dichiarazione affermativa che assume valore di prova legale."* – CEDAM, 2009, a fol 172.
[55] L-eċċezzjonijiet indikati bħala 1.1, 1.2, 1.3 u 1.4.
[56] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali kif tirriżulta *a tergo* ta' fol 32 tal-proċess.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur